# Il-Mewt ta' Tlitt Ħbieb ta' "Il-Malti"

(*Ta'* A.C.)

MAL-ĦBIEB ta' "Il-Malti" li s'issa ħallewna, b'qalbna magħfusa nħabbru fil-ħarġa ta' din id-darba, il-mewt ta' tlitt iħbieb għeżież tagħna, li ġrat f'għeluq it-tliet xhur ta' l-aħħar.

L-ewwel wieħed huwa n-Nutar **CARLO MICALLEF DE CARO**, li kien wieħed mill-ewlenin fost l-innsieħbin ta' "Il-Malti" u qatt ma naqas li ma juriniex il-ġibda kbira li kellu għall-kitba Maltija billi 'l hawn u 'l hinn kien jibagħtilna xi nota fuq xi kliem Malti, xi ħrafa, xi aneddotu jew xi bijografija ċkejkna ta' nies kbar, fosthom Maltin. L-aħħar kontribuzzjoni tiegħu, li kellu xewqa kbira jaraha stampata f'"Il-Malti" kien l-artiklu bijografiku fuq Niccolò Isouard, li deher fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' l-aħħar.

In-Nutar Micallef De Caro, għalkemm ma kienx mill-kittieba kbar tal-Malti, dejjem sewa ta' għajnuna bil-ħidma morali u letterarja tiegħu biex il-Malti jimxi 'l quddiem bħala lsien tal-poplu.

Sa minn meta qamet fost il-kittieba tal-Malti l-ħajra u l-fehma li titwaqqaf kitba soda tal-Malti, jiġifieri minn żmien ix-Xirka Xemija 'l hawn, huwa kien ikun minn ta' l-ewwel biex iwieġeb għas-sejħa ta' kull moviment għat-twettiq tax-xewqa tal-kittieba tal-Malti. Huwa, għalhekk, f'żgħożitu, kien wieħed mill-eqreb ħbieb ta' Ant. Em. Caruana, Napuljun Tagliaferro, Ġanni Vassallo u Ninu Muscat Fenech. Kien hu li dan l-aħħar ħambaq f'xi ġurnal sabiex lil Ninu Muscat Fenech infakkruh lil din il-ġenerazzjoni ġdida bħala wieħed mill-pijoneri tal-Moviment tal-Kitba Maltija.

In-Nutar Micallef De Caro kien magħruf bħala wieħed mill-korrispondenti-kollaboraturi tar-Rivista Taljana "Il Sorriso in Famiglia". Barra minn xi artikoli bil-Malti kien għamel l-ewwel traduzzjoni bil-Malti tal-Ħajja ta' San Pawl ta' Patri Bottalla.

In-Nutar Micallef De Caro mnissel minn familja li għandha l-isbaħ tifkirijiet ta' rjus li għandhom isem fix-xjenza legali u fil-letteratura, kien il-mudell tal-bniedem ta' reqqa kbira fid-

dmirijiet tal-professjoni tiegħu u ta' karattru ferrieħi u dħuli—dejjem b'dik it-tbissima fuq fommu li kienet turi fih ruħ u qalb tajba: ta' bniedem ġentlom. Kien l-anzjan tan-nutari sħabu li lejh kellhom l-akbar qima.

* * *

It-tieni ħabib tagħna huwa l-magħruf **Avukat CARMELO MIFSUD BONNICI,** li wara marda qalila u twila li fnietlu saħħtu kollha, ħalliena għalkollox ftit ġimgħat ilu. Minn ħbiebu u minn dawk kollha li kellhom ix-xorti jafuh, fosthom mill-Għaqda li tagħha kien Membru Akkademiku, kien ilu mifrud, għax la fommu u lanqas il-pinna tiegħu ma setgħu dan l-aħħar ħames snin iżommu r-rabta li kellu magħhom u huma miegħu fil-ħajja ta' kuljum.

Bikri minn żgħożitu l-Avukat Mifsud Bonnici wera moħħ qawwi għall-kitba ta' proża u versi u lsien ħieles u ħafif għall-oratorja—fuq kollox xeħta u ħila kbira biex bla ebda tbatija ta' studju jixrob il-materjal u l-istil tal-klassiċi sew qodma kemm ġodda u jittratta argumenti soċjali, storiċi, bijografiċi u letterarji u fuqhom jagħmel studji kritiċi.

Il-qawwa letterarja tiegħu kienet fil-lsien Taljan meta dan l-ilsien kien għoddu wasal biex jinxtorob mill-koltivazzjoni qawwija tal-lsien Ingliż li kienet ħadet il-post tal-koltura tradizzjonali tat-Taljan fl-Iskejjel Sekondarji u fl-Università. Iżda, imbagħad, huwa ma stmerrx li b'riħet il-ġenju poetiku li kellu jittanta jikteb 'l hawn u 'l hinn xi għanja Maltija — b'dak il-lsien li kien tgħallem f'ħoġor ommu u fid-dinja ċkejkna ta' tfulitu. Għalhekk, malli l-Malti beda jieħu r-ruħ bis-saħħa tal-kitba kotrana tal-kittieba tal-Għaqda tal-Malti, hu tħajjar jingħaqad magħhom għaliex—bħalma kittieba oħra, wara li għannew bil-lsien barrani ma stmerrewx iħaddmu l-pinna tagħhom fil-versi Maltin — hekk ukoll huwa ħass il-ħajra qawwija u s-seħer li jgħanni wkoll b'ilsien art twelidu u fost il-versi sbieħ li tana u li deħru 'l hawn u 'l hinn f'"Il-Malti", insemmu: "Lil Binti", "Lil Ommi", "Il-Għanja Maltija", u "Alla! Alla!"

L-ewwel versi li kiteb, li huma iktarx ta' fasla saffika b'mertu xi mindaqqiet Carduccian, tħosshom tqal fil-bini ta' l-istrofa, u l-ħsieb imwiegħer fl-espressjoni tal-vers li jdum ma jieħu nifs u jieqaf, bħalma nsibu f'"It-Talba"; iżda, imbagħad, insibu li

wara żmien il-versi tiegħu ħadu xejra iżjed mexxejja li turi fil-poeta ġdid ta' versi Maltin il-ħeffa u l-arti naturali ta' pinna Maltija.

Aħna ma nistgħux ma ngħożżux, għalkemm xi darba sata' deher għall-ewwel li l-Malti ma jġerrgħux għalkollox, is-sentimenti poetiċi sbieħ ta' Mifsud Bonnici lejn Art Twelidu u għall-Għanja tal-Lsien Art Twelidu meta naqraw dawn il-versi mexxejja u kbar fil-"Għanja Maltija" tiegħu:

*Int biss għallimthieli*
*qalila l-mibegħda*
*għal min irid jaħqrek*
*jew jixħtek fit-tajn,*
*sew sew jekk barrani*
*jew ħija noboghdu,*
*għalih ma hemmx maħfra,*
*għal miegħu għajn b'għajn.*

..................................

..................................

*U wara li l-bewsa*
*tal-mewt minn ġo fija*
*ittajjar lil ruħi*
*għaż-żmien ta' bla jiem,*
*jien nibqa' nismagħha*
*u hi tibqa' tgħannili*
*din l-għanja wild ruħi*
*għax ruħi bla tmiem.*

Għalkemm ma kitebx wisq versi Maltin, il-ftit versi li kiteb sabu rokna tajba fit-Tliet Kotba tal-Ward ta' Qari Malti.

C. Mifsud Bonnici huwa l-ewwelnett Poeta ta' versi Taljani u t-tieni ta' versi Maltin. Fost ix-xogħlijiet poetiċi bit-Taljan insemmu "I Kanti della Patria", "Dal mio Cuore al Mondo" (1935); u "Giuditta di Betulia" (1939).

Bħala Avukat huwa msemmi fil-fergħa tal-Liġi Kriminali li tagħha, wara karriera sabiħa, laħaq Professur fl-Università.

Kien għadu student fl-Università meta huwa fil-ħeġġa tas-sentimenti tiegħu lejn il-Partit Nazzjonalista, inxteħet fil-kamp ġelliedi tal-pulitka tal-pajjiż, u minnu, bħala artikolista u oratur, wara żmien dan il-Partit kellu appoġġ kbir fil-propaganda partitarja u fil-Parlament Malti, fejn huwa kien deher bħala Deputat u Ministru.

Bil-mewt tiegħu Malta tilfet waħda mill-ġawhriet sbieħ li kienu qed iżejnulha isimha, u l-Għaqda wieħed mill-egħżeż ħbieb

tagħha ewlenin li bil-pinna tiegħu żejjen ma' sħabu l-paġni tal-letteratura Maltija tal-lum.

*   *   *

It-tielet ħabib li tilfet il-"Għaqda" tagħna u magħha l-Għaqda ta' bosta żgħażagħ li fih kellhom Missier tat-Tagħlim Nisrani u bosta ħbieb oħra huwa s-Sur **RIKARD MIFSUD BONNICI,** wieħed mid-dekani tal-kittieba tal-Malti. Konna qegħdin inħejju "Il-Malti" għall-istampa meta waslitilna f'daqqa waħda l-aħbar tal-mewt tiegħu. Min ma jafux lis-Sur Rikard sew fil-ħajja soċjali kemm fil-ħajja letterarja? Imnissel minn razza li dejjem issemmiet għal pinna tajba fil-kitba Maltija, fosthom, jiddi bħala kewkba, Klement Mifsud Bonnici, ta' żmien ix-Xirka Xemïa, li kien jikteb fis-"Sebħ", u s-Sur Viċenz Mifsud Bonnici, wieħed mill-anzjani fost il-membri ewlenin tal-Għaqda, is-Sur Rikard ma jagħmilx għajb lil niesu ta' qablu u lanqas lill-oħrajn ta' l-istess ġidd li nibtu warajh u li l-lum qed jirqmu bil-pinna tagħhom il-kitba Maltija.

Is-Sur Rikard huwa iktarx magħruf bħala prożatur milli bħala poeta Malti. Il-proża tiegħu turi fih kostruzzjoni u frażjoloġija ta' drapp Malti waħdu li qajla ssibha fil-kittieba żgħażagħ tal-lum li, għalkemm għandhom fil-kitba tagħhom il-fond ta' erudizzjoni letterarja ta' ilsna oħra li tiswa ħafna fil-letteratura moderna Maltija, għad iridu jixorbu minn dik il-għajn safja ta' kittieba xjuħ Maltin bħalma kienu, Klement Mifsud Bonnici, Preca, Caruana, Muscat Azzopardi, Temi Zammit, Bellanti u Ċensu Mifsud Bonnici. Dana aħna rajnieh fil-proża ta' Rikard, f'xi novella ċkejkna, f'xi ħrafa, f'xi rumanz, li għadu manuskritt, u fil-ħannieqa ta' frażijiet u idjotiżmi Maltin tiegħu li dehru kemm-il-darba f'"Leħen il-Malti" u f'"Il-Malti" tagħna.

Rikard huwa l-awtur tar-rumanz "Santu Formosa" li f'konkors imniedi mill-Gvern kien wieħed mill-ippremjati; huwa wkoll l-awtur tal-"Mistika", kitba axxetika, maħruġa mill-Għaqda tad-Dutrina u ta' bosta bċejjeċ oħra li huma ġawhriet ta' proża Maltija.

Rikard Mifsud Bonnici kien bniedem ta' ruħ tajba, baqa' għażeb biex igħix ħajja skond il-fehma ta' San Pawl, u l-iktar biex jaqdi iżjed xogħlu ta' bniedem mogħti għall-għożża ta' daru, imħabba lejn għajru u lejn dawk kollha li f'isem Kristu u l-Knisja Tiegħu ħtieġu l-għajnuna morali tiegħu. L-aħħar xogħol tiegħu

li juri fih qalb ta' nisrani, li baqgħet tixgħel għall-Fidi ta' Kristu sa l-aħħar ta' ħajtu, hija l-"Kristoloġija", ġabra ta' poeżiji fuq Kristu Nazzarenu li hu kien laħaq stampa sewwa sew tmint ijiem qabel mewtu u beda jqassam il ħbiebu, iżda ma laħaqx qassmu kollu. Lilna waslilna l-għada ta' mewtu, b'isimna u bla indirizz, bil-ħsieb li jiktbu l-għada. Iżda l-għada ħabibna tal-qalb u tal-pinna għalaq għajnejh fis-sliema u l-bewsa ta' Kristu li għalih kien għex f'din id-dinja, u li bl-għaniet Tiegħu kien għalaq l-aħħar sigħat ta' ħajtu.

"Alla u Lsienna". Dan kien il-qawl tiegħu, u dawn iż-żewġ kelmiet kienu fl-egħżeż rokna ta' qalbu.